# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, l-Erbgha 6 ta' Gunju, 2001.

**Kawza Nru. 63.**
**Citazz. Nru. 84/01 JRM**

**CUTAJAR Ltd**

**vs**

**Charles BARBARA**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici kienet tbiegh u tikkonsenja lill-konvenut gewwa il-hanut Hifi Tronic merkanzija konsistenti f'apparat tal-Hifi;

Illi ghall-imsemmija merkanzija il-konvenut fadallu jhallas lis-socjeta’ attrici bilanc ta’ Lm1698.50 (elf sitt mija u tmienja u disghin lira maltin u hamsin centezmu) kif jidher mill-istatement anness u mmarkat Dok A;

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont ghal diversi drabi izda huwa baqa inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1698.50 (elf sitt mija u tmienja u disghin lira maltin u hamsin centezmu) rappresentanti bilanc minn prezz ta’ apparat tal-hifi lilu mibjugh u kkonsenjat;

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tal-10 ta’ Novembru 2000, tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Dicembru 2000 tal-mandat ta’ qbid numru 137/00 ppresentat kontestwalment u bl-imghax legali mis-17 ta’ Gunju 1999 id-data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut, ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1698.50 (elf sitt mija u tmienja u disghin lira maltin u hamsin centeszmu) rappresentanti bilanc minn prezz ta' apparat tal-hifi lilu mibjugh u kkonsenjat, bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Novembru 2000, tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Dicembru 2000 tal mandat ta' qbid numru 137/00 u bl-imghax legali mis-17 ta' Gunju 1999 id-data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Gunju, 2001.**